


MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET
BARRANIN U EWROPEJ

# GWIDA GĦAL VJAĠĠAR INTELLIĠENTI

# Vjaġġar Intelliġenti

Huwa fatt li fl-aħħar snin kien hemm żieda sostanzjali fl-għadd ta' ċittadini Maltin li jsiefru barra mill-pajjiż għan-negozju jew għad-divertiment. Filwaqt li dan huwa fih innifsu sinjal pożittiv, bħal f'kollox ġab miegħu mewġa ġdida ta' sfidi li ssarrfu f'żieda ta' talbiet għal assistenza konsulari, li wħud minnhom jistgħu jiġu evitati faċilment jekk il-vjaġġaturi jkunu gwidati kif xieraq dwar x'għandhom jagħmlu qabel jivvjaġġaw.

Dan il-fuljett ta' tagħrif huwa tentattiv ċkejken sabiex jiġu indirizzati problemi komuni relatati mas-safar. Hawn, is-sħab soċjali fis-settur tat-turiżmu jistgħu ikunu ħolqa importanti biex inwasslu l-messaġġ li l-prevenzjoni permezz tal-edukazzjoni hija l-aktar mod effettiv kif il-parti l-kbira tal-każijiet konsulari jiġu skansati.

Wasal iż-żmien li titrawwem kultura fejn qabel wieħed isiefer jiċċekkja għandux kollox f'postu. Problemi relatati ma' passaporti skaduti, polza tal-assikurazzjoni tal-ivvjaġġar, tilqim neċessarju u reġistrazzjoni għall-Karta tal-Assikurazzjoni tas-Saħħa Ewropea (EHIC) fost oħrajn, huma bażi tajba tat-tluq biex safra ma tiltaqax ma' saram bla bżonn. Barra minn hekk, il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej iħeġġeġ lil min ikun se jsiefer biex jikkonsulta regolarment mal-lista ta' **Pariri għal Vjaġġar** li tinsab kemm fuq is-sit tal-Ministeru (foreignandeu.gov.mt → Servizzi → Pariri għal Vjaġġar) kif ukoll

fuq l-app tal-mowbajl **Malta Travel Point**. Din l-informazzjoni tgħin liċ-ċittadini Maltin ikunu jafu bis-sitwazzjoni tal-pajjiż li beħsiebhom iżuru.

Huwa fatt li iżjed għarfien għal safar għaqli jfisser aktar serħan il-moħħ u garanzija ta' esperjenza tas-safar pożittiva.

© Direttorat għas-Servizzi Konsulari u Maltin Jgħixu Barra 2020

# Checklist

Qabel ma tippjana biex issiefer, huwa importanti li ssegwi dawn il-punti li ġejjin :

- Itlob parir dwar kwistjonijiet relatati mal-ivvjaġġar u informazzjoni utli oħra billi tirreferi għat-taqsima **Pariri dwar Vjaġġar** fuq is-sit tal-Ministeru ( foreignandeu.gov.mt → Servizzi → Pariri għal Vjaġġar) jew billi tniżżel l-app tal-mowbajl tal-Ministeru **"Malta Travel Point"**.

- Qis li l-**passaport** tiegħek huwa validu għal tal-anqas **6 xhur** mid-data tar-ritorn tiegħek lejn Malta.

- Tfal minorenni (taħt l-età ta' 18-il sena) li jivvjaġġaw waħedhom mingħajr il-ġenituri/kustodji tagħhom għandu jkollhom ittra ta' kunsens iffirmata mill-ġenituri/kustodji, illegalizzata mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej.

- Qis li jkollok polza tal-**assikurazzjoni komprensiva** tal-ivvjaġġar u tas-saħħa li tkopri l-attivitajiet kollha u kwalunkwe kundizzjoni u trattament tas-saħħa eżistenti minn qabel.

- Ġorr dejjem fuqek **il-Karta tal-Assikurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea** (EHIC) valida sabiex tiffaċilita l-aċċess għal kura medika pubblika.

- Żur tabib tal-fiduċja tiegħek tal-anqas **4 sa 6 ġimgħat** qabel ma ssiefer biex tiċċekkja jekk għandekx bżonn ta' xi **tilqim**, **ċertifikazzjonijiet**, u **miżuri preventivi** oħra.

- Oqgħod attent/a jekk beħsiebek iġġorr fuqek prodotti farmaċewtiċi jew mediċini. Ara li dawn jistgħu jintużaw fil-pajjiż li se żżur.

- Iċċekkja jekk hemmx xi rekwiżiti partikolari għad-dħul u l-ħruġ (eż. **viża**, **tilqim**, eċċ...) għall-pajjiż u mill-**pajjiż li se żżur** u/jew il-**pajjiż ta' tranżitu**.

- Agħmel **kopji** ta' **dokumenti** importanti bħall-passaport, viżi, karta tal-identità, ċertifikati, eċċ... u żommhom dejjem fuqek.

- Organizza l-**finanzi** tiegħek biex tkopri l-ispejjeż meħtieġa, kif ukoll avża lill-**bank** tiegħek bil-pjanijiet tal-ivvjaġġar li se tagħmel.

- **Irrispetta l-liġijiet u d-drawwiet lokali** tal-pajjiż li se żżur.

- Żomm **kuntatt** regolari mal-familja u l-ħbieb, u infurmahom bil-pjanijiet tal-ivvjaġġar tiegħek u fejn se tkun.

# Pariri dwar Vjaġġar

Il-Pariri dwar Vjaġġar huma twissija **uffiċjali** maħruġa mill-Ministeru, li tikkonsisti f'informazzjoni utli għaċ-ċittadini Maltin li se jsiefru. It-twissija tikkonsisti f'informazzjoni qasira dwar temi differenti, bħas-sitwazzjoni tas-sigurtà tal-pajjiż, is-saħħa, u liġijiet u drawwiet lokali.

## Għaliex huma utli?

Dawn l-avviżi jagħtu pariri aġġornati u infurmati dwar kull tip ta' riskju assoċjat ma' żjarat f'pajjiżi partikolari, kif ukoll jelenkaw il-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu qabel wieħed isiefer. Dawn il-pariri għandhom l-għan li jgħinu liċ-ċittadini Maltin jieħdu deċiżjonijiet infurmati qabel ma jsiefru.




## Kif tiġi kklassifikata twissija?

Twissija tiġi kklassifikata f'livelli differenti skont il-valutazzjoni ġenerali tas-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-pajjiż partikolari. Reġjuni jew żoni differenti fl-istess pajjiż jista' jkollhom klassifikazzjonijiet tas-sigurtà differenti. Il-Pariri dwar Vjaġġar jiġu kklassifikati kif ġej:

- **Ħu l-prekawzjonijiet normali**
- **Kun viġilanti**
- **Oqgħod ħafna attent/a**
- **Evita kull vjaġġar ħlief dak essenzjali lejn ċerti żoni**
- **Evita kull vjaġġar lejn ċerti żoni**
- **Evita kull vjaġġar ħlief dak essenzjali**
- **Evita kull vjaġġar**

# Kif jista' jassistini d-Direttorat għas-Servizzi Konsulari u l-Maltin Jgħixu Barra?

## 1. Inċident jew Mard barra minn Malta

Id-Direttorat jipprovdi assistenza prattika lil vjaġġaturi Maltin li sfortunatament jisfgħu vittmi ta' inċident jew mard meta jkunu msiefrin.



### X'tip ta' assistenza?

L-għajnuna siewja mogħtija mill-Missjonijiet Maltin barra minn Malta (e.ż.: Ambaxxati, Konsulati, u Konsulati Onorarji), flimkien mad-Direttorat tikkonsisti, fost l-oħrajn, filli:

- tingħata lista ta' tobba lokali li jitkellmu bl-Ingliż kif ukoll faċilitajiet mediċi disponibbli lokalment;
- tkun iffaċilitata l-korrispondenza mal-aġenzija tal-assikurazzjoni lokali, jew/u evakwazzjoni medika;
- ikunu kkuntattjati l-qraba tal-pazjent/a f'Malta;
- f'każ ta' bżonn isir kuntatt mal-uffiċjali tas-saħħa tal-pajjiż ikkonċernat;

– fejn meħtieġ ikun faċilitat it-trasferimenti ta’ flus mill-qraba tal-pazjent/a minn Malta;

– meta possibbli, uffiċjali mill-Missjonijiet Maltin barra minn Malta jżuru l-pazjent/a meta jkun/tkun fl-isptar.

**L-EHIC m’għandhiex titqies bħala sostituzzjoni tal-assikurazzjoni tal-ivvjaġġar.**

**Ara li għandek il-Karta tal-Assikurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea (EHIC), li tintitolak għal kura medika (limitata) mingħajr ħlas, jew bi spiża mnaqqsa fil-pajjiżi tal-UE, l-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u Liechtenstein.**

**Huwa importanti li jkollok assikurazzjoni tal-ivvjaġġar, speċjalment f’każ ta’ trattament fi sptar barra minn Malta.**

## 2. Arrest jew Detenzjoni barra minn Malta

Jekk tiġi arrestat/a meta tkun imsiefer/imsiefra, għandek id-dritt titlob lill-awtoritajiet lokali biex jinfurmaw l-eqreb Missjoni Maltija bl-arrest tiegħek.

L-uffiċjali tal-Missjonijiet Maltin barra minn Malta jistgħu:

– iżuruk/jikkuntattjawk u jgħinuk sabiex tingħata għajnuna bażika;

– jipprovdu lista ta' rappreżentanti legali li jitkellmu bl-Ingliż fil-pajjiż u jagħtuk tagħrif dwar il-proċeduri legali tal-pajjiż;

– meta jingħata l-kunsens, il-Ministeru jinforma lill-qraba/ħbieb dwar l-arrest tiegħek; u jgħin biex jinżamm kuntatt magħhom;

– jiżguraw li ma tiġix iddiskriminat/a bħala priġunier/a;

– wara talba formali, jaraw jekk ikunx applikabbli li parti mit-terminu ta' priġunerija titkompla f'Malta kif stipulat fil-Konvenzjoni dwar it-Trasferiment ta' Persuni Kundannati.

## 3. Imwiet waqt safar

Nifhmu li f'sitwazzjoni ta' mewt, il-qraba jkunu f'sitwazzjoni emottiva delikata li titlob sapport morali. Dan isir aktar importanti meta t-telfa ta' xi ħadd għażiż isseħħ barra minn Malta.

Wieħed jifhem li fil-proċess ta' preparazzjoni għal ripatrijazzjoni jistgħu iqumu diffikultajiet ta' natura burokratika li jaggravaw ruħhom meta jkun hemm ukoll diffikultà fil-komunikazzjoni. Id-Direttorat, flimkien mal-Missjonijiet Maltin barra minn Malta, jassisti lill-qraba li jkollhom il-Prokura legali meħtieġa.

L-uffiċjali tal-Missjonijiet Maltin barra minn Malta jistgħu:

- jiksbu ċertifikati tal-mewt u dokumenti oħra relatati mill-awtoritajiet lokali;
- jipprovdu lista ta' Kummissjonanti tal-Funerali fil-pajjiż ikkonċernat;
- jistabbilixxu kuntatt mal-Kummissjonant biex jagħmel l-arranġamenti neċessarji għad-difna (kemm jekk din se ssir barra kif ukoll jekk f'Malta);
- f'każ ta' bżonn, l-uffiċjali jiggwidaw lill-qraba bil-proċedura ta' ripatrijazzjoni tal-kadavru/fdalijiet lejn Malta.

**Iż-żmien meħtieġ biex jiġi ttrasportat kadavru lejn Malta jista' jvarja skont in-natura tal-każ ta' mewt jew ir-regolamenti tal-pajjiż fejn ikun seħħ l-imwiet.**

## 4. Vjaġġaturi maħtufa jew miżmuma ostaġġi waqt safar

Jekk ikun hemm suspett jew evidenza li ċittadini Maltin ġew maħtufa jew qed jinżammu ostaġġi barra minn Malta, il-qraba tal-vittma/i jistgħu jitolbu l-assistenza tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej.

Kwistjonijiet ta' dan it-tip jiġu trattati b'ħafna kawtela, speċjalment minħabba n-negozjati li jkunu għaddejjin mill-awtoritajiet tal-pulizija sabiex il-persuni kkonċernati jinħelsu. Min-naħa tiegħu, il-Ministeru jgħin fl-istħarriġ meħtieġ, billi każijiet bħal dawn huma dejjem partikolari.

# 5. Vittmi ta' kriminalità serja

Jekk int sfajt vittma ta' kriminalità serja, għandek immedjatament tikkuntattja lill-Ambaxxata jew lill-Konsulat tagħna sabiex jiggwidawk fuq kif għandek tipproċedi.

L-uffiċjali tal-Missjonijiet Maltin barra minn Malta jistgħu:

- jagħtuk lista ta' professjonisti lokali li jistgħu jkunu utli għal finijiet ta' komunikazzjoni bl-Ingliż;
- jagħtuk informazzjoni ġenerali dwar il-pulizija lokali u proċeduri legali;
- jassistuk fil-kuntatt mal-awtoritajiet tal-pulizija lokali, speċjalment f'każijiet ta' problema bil-lingwa;
- jgħinuk tikkuntattja lill-awtoritajiet tas-saħħa, jekk teħtieġ trattament mediku;
- iżuruk l-isptar (fejn possibbli);
- jistabbilixxu kuntatt mal-familja jew il-qraba (jekk ikun speċifikament mitlub mill-vittma);
- jgħinuk fid-dokumenti għat-trasferiment lura lejn Malta.

# 6. Telf / Serq ta' Dokumenti tal-Ivvjaġġar

F'każ ta' telf jew serq ta' dokumenti tal-ivvjaġġar bħall-passaport jew il-karta tal-identità, huwa importanti li tirrapporta t-telf fl-eqreb Għassa tal-Pulizija, sabiex dawn joħorġu rapport.

Jekk ir-rapport isir b'lingwa barranija, ikun meħtieġ li jiġi tradott fil-lingwa Ingliża u mbagħad jiġi illegalizzat (ċertifikazzjoni uffiċjali) mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-pajjiż fejn tkun.

Meta titlob assistenza mill-eqreb Ambaxxata jew Konsulat, jeħtieġ li jiġu ppreżentati r-rapport tal-pulizija flimkien mal-itinerarju tat-titjira tiegħek. Wara li jsiru l-verifiki neċessarji jinħariġlek Dokument tal-Ivvjaġġar ta' Emerġenza (ETD) biex tkun tista' tirritorna lejn Malta.




**Dejjem ġorr fuqek kopja tal-passaport u tal-karta tal-identità, f'forma skenjata u/jew ritratt fuq il-mowbajl tiegħek.**

# 7. Telf / Serq ta' Flus / Karti ta' Kreditu

F'każ ta' telf jew serq ta' flus jew karti ta' kreditu, huwa importanti li tirrapporta l-każ lill-bank tiegħek immedjatament.

Importanti wkoll li tirrapporta l-inċident fl-eqreb Għassa tal-Pulizija, sabiex dawn joħorġu rapport.

Jekk ir-rapport jinħareġ b'lingwa barranija, ikun meħtieġ li dan jiġi tradott fil-lingwa Ingliża u mbagħad illegalizzat (ċertifikazzjoni uffiċjali) mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-pajjiż fejn tinsab. Dan ir-rapport jeħtieġ li jiġi ppreżentat għal finijiet tal-bank/assikurazzjoni.

Il-Missjonijiet Maltin barra minn Malta jkunu jistgħu jagħtuk parir dwar modi kif jistgħu jiġu ttrasferiti flus minn Malta, u jgħinuk tikkuntattja lill-bank jew lill-aġenzija tal-assikurazzjoni tiegħek f'każ ta' bżonn.



# 8. Diffikultajiet Finanzjarji

Jista' jkun hemm każijiet fejn, minħabba ċirkostanzi mhux previsti, il-vjaġġaturi jsibu ruħhom f'diffikultajiet finanzjarji meta jkunu msiefrin.

## Kif jistgħu l-qraba tiegħi jibagħtuli l-flus?

Id-Direttorat jista' jgħin billi jiffaċilita t-trasferimenti ta' flus mingħand qrabatek.

Il-qraba għandhom imorru l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej biex jiddepożitaw il-flus. Ġaladarba t-tranżazzjoni tal-flus tiġi kkonfermata, id-Direttorat jinforma lill-Missjoni rispettiva biex tgħaddilek il-flus.



F'każ li l-qraba jkunu jridu jiddepożitaw il-flus mal-Ministeru, dawn għandhom jagħmlu dan matul il-ħinijiet tal-uffiċċju mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

# 9. Qraba rrapportati nieqsa

Il-Missjonijiet Maltin barra minn Malta jistgħu jgħinu lill-qraba li jitolbu informazzjoni dwar membri tal-familja allegatament nieqsa barra minn Malta.

F'konformità mar-Regolamenti tal-Protezzjoni tad-Data, il-Ministeru jiffaċilita l-kuntatt bejn il-persuna li qed tfittex l-informazzjoni u l-awtoritajiet tal-pulizija rilevanti tal-pajjiż.

# 10. Kriżi maġġuri barra mill-pajjiż

Jekk tinqabad f'emerġenza jew f'sitwazzjoni ta' kriżi serja meta tkun imsiefer/imsiefra, għandek immedjatament tistabbilixxi kuntatt mal-eqreb Missjoni Maltija jew mal-Ministeru direttament.

L-uffiċjali jkunu jistgħu jassistu f'każ ta':



- **Korriment jew imwiet**
- **Allegazzjonijiet dwar persuni nieqsa**
- **Arrest jew detenzjoni**
- **Teħid ta' ostaġġi jew ħtif ta' persuni**
- **Evakwazzjoni u ripatrijazzjoni**
- **Dokumentazzjoni**
- **Kuntatt mal-familja u l-ħbieb**
- **Komunikazzjoni mal-awtoritajiet lokali sabiex jiġu pprovduti informazzjoni u appoġġ lil dawk li huma affettwati**
- **Komunikazzjoni mal-aġent tal-ivvjaġġar/assikurazzjoni**

**Huwa rrakkomandat li, fejn possibbli, dejjem tagħmel kuntatt mal-qraba tiegħek f'Malta biex tinfurmahom fejn tinsab.**

# 11. Kooperazzjoni Konsulari Ewropea

Jekk tkun f'pajjiż fejn Malta m'għandhiex Ambaxxata u lanqas Konsulat, bħala ċittadin/a tal-Unjoni Ewropea, inti għandek dritt titlob assistenza minn kwalunkwe Ambaxxata jew Konsulat ta' xi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea.

## Kif tista' tgħinek Ambaxxata oħra tal-UE?

Ambaxxata tal-Unjoni Ewropea tista' tgħinek:

- f'każ ta' mwiet;
- f'każ ta' inċident serju jew mard;
- f'każ ta' arrest jew detenzjoni; jew
- f'każ li tisfa' vittma ta' vjolenza.

Għal aktar informazzjoni dwar dan is-suġġett żur https://ec.europa.eu/consularprotection/

# Malta Travel Point

L-App **Malta Travel Point** tnediet mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru f'April tal-2018. L-App hija mfassla biex tindirizza kwistjonijiet relatati mal-ivvjaġġar, u għandha l-għan li ġġib is-servizzi offruti mill-Ministeru u l-Missjonijiet tiegħu eqreb lejn il-pubbliku.

F'dan is-sens, l-App toffri linji gwida u pariri sabiex jgħinuk tivvjaġġa b'mod aktar intelliġenti u sigur.

## Kif tista' tniżżel l-App?

L-ewwel fażi tal-App, li tnediet mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru f'April 2018, tista' titniżżel mingħajr ħlas minn fuq l-App Store jew Google Play. L-App hija aċċessibbli wkoll mill-**Maltapps**.



# Informazzjoni utli

Id-Direttorat jipprovdi assistenza lill-vjaġġaturi Maltin li jsibu ruħhom f'xi inkwiet meta jkunu msiefrin. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, id-Direttorat jaġixxi bħala l-punt ta' kuntatt ewlieni bejn l-individwu li jkun imsiefer u l-familja tiegħu/tagħha f'Malta, sabiex jiffaċilita kull tip ta' għajnuna possibbli, u jiżgura li din tingħata b'mod effiċjenti u fl-iqsar żmien possibbli.

## Lil min tikkuntattja f'każ ta' Emerġenza?

Il-Ministeru jipprovdi assistenza konsulari ta' emerġenza 24 siegħa kuljum inkluż fi tmiem il-ġimgħa u l-btajjel pubbliċi. Jekk tinsab imsiefer/ra u teħtieġ l-għajnuna, tista' ċċempel l-Ambaxxata Maltija, il-Kummissjoni Għolja jew il-Konsulat fil-pajjiż li qed iżżur (fejn hemm), jew il-Ministeru. Wara l-ħin tal-uffiċċju, il-Ministeru jopera permezz ta' *Duty Officer* li jieħu nota tat-talba tiegħek u possibilment jassisitik immedjatament. Meta dan ma jkunx possibbli, it-talba tiegħek tiġi mgħoddija lill-uffiċjal inkarigat fid-Direttorat għas-Servizzi Konsulari u Maltin Jgħixu Barra biex tittieħed azzjoni.

Tista' taċċessa l-indirizzi u n-numru tat-telefown tal-Ambaxxati barra minn Malta billi żżur is-sit elettroniku tal-Ministeru

foreignandeu.gov.mt (iklikkja fuq Rappreżentazzjonijiet → Rappreżentazzjonijiet Diplomatiċi ta' Malta/Rappreżentazzjonijiet Konsulari ta' Malta). Din l-informazzjoni hija wkoll disponibbli fuq l-app tal-mowbajl.

# Dikjarazzjoni ta' Ċaħda ta' Responsabbiltà

*Huwa importanti li tkun taf li l-Ministeru, l-Ambaxxati, u l-Konsulati ta' Malta barra mill-pajjiż mhumiex awtorizzati jsellfu flus, iħallsu kontijiet tal-lukanda jew tal-isptar jew spejjeż ta' ripatrijazzjoni, jew kwalunkwe spiża oħra magħmula f'isem ċittadin Malti li jiltaqa' ma' xi diffikultà.*

*L-uffiċjali tal-Ambaxxati jew tal-Konsulati barra minn Malta ma jistgħu jeħilsu lill-ebda persuna mill-ħabs, iħallsu multi f'isem xi ħadd, jew iħallsu xi dejn mal-awtoritajiet lokali. Barra minn hekk, l-uffiċjali ma jistgħux joffru parir legali, ikunu nvoluti fi proċeduri ġudizzjarji jew iwettqu investigazzjonijiet f'isem xi ħadd.*

# Links Utli

[MFEA]

[Aġenzija Identity Malta]

[Il-Korp tal-Pulizija]

[Sib Ambaxxata / Konsulat]

[Dipartiment tad-Dwana]

[Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti]

[Lista ta' Banek f'Malta]

[Lista tal-Aġenti tal-Ivjaġġar f'Malta]

[Lista tal-Aġenti tal-Assigurazzjoni f'Malta]

[Kamra tal-Avukati ta' Malta]

[Tilqim marbut mal-ivjaġġar]

[Il-Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa Ewropea]

# Dettalji ta' Kuntatt

## Indirizz

Il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej

Palazzo Parisio

Triq il-Merkanti

Valletta VLT 1171

Malta

## Telefown

21242191

## Indirizz elettroniku

consular.mfea@gov.mt